# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tnejn 6 ta' Lulju, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 716/20TA**

**Steward Malta Management Ltd. (C70624), St Luke's Hospital Campus, Telgħa ta' Gwardamangia, Pieta` PTA 1312, Malta**

**vs**

**Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN), Les Lapins Courts, Court B No.3, Vjal l-Indipendenza, Mosta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Steward Malta Management Ltd tal-14 ta' Ġunju 2020;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Ġunju 2020 fejn fost oħrajn ordnat li jinħareġ mandat ta' inibizzjoni provviżorju;

Rat ir-risposta tal-Union intimata tat-23 ta' Ġunju 2020;

Rat id-dokumenti u atti kollha ta' dawn il-proċeduri;

Semgħet ix-xhieda kollha fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2020;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fl-istess seduta;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet in camera.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti fliet sewwa l-provi kollha li tressqu miż-żewġ partijiet, partikularment ix-xhieda mogħtija viva voce fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2020. Fis-suċċint, dak li trid l-Union intimata hu, li jinġiebu Għawdex dawk l-infermiera li jaħdmu Malta ġaladarba l-emerġenza tal-Covid ma għadiex fis-seħħ. Dan jinsistu għalih, partikularment fid-dawl li ġew ingaġġati xi *third party nationals* mis-Soċjeta` rikorrenti li jekk jinżammu, ser ikunu qegħdin jieħdu post dawn l-infermiera Għawdxin li għandhom dritt li jirrevertu fl-isptar t'Għawdex.

Permezz ta' ittra elettronika tat-12 ta' Ġunju 2020 l-Union intimata informat lis-Soċjeta` rikorrenti li kienu ser jinbdew l-azzjonijiet industrijali. Dik l-ittra li tispiċċa hekk: *"Mumn will not rest until such foreign nurses are retracted and Gozo nurses are transferred to Gozo Hospital"*.

Fl-istess risposta tal-Union intimata jingħad li *"kien intlaħaq ftehim bejn l-Union rispondenti, is-Soċjeta` rikorrenti u l-Ministeru tas-Saħħa ai termini ta' liema l-Union rispondenti ma kienitx opponiet sabiex dawn l-infermiera barranin jiġu ppustjati l-Isptar Ġenerali t'Għawdex fuq bażi temporanja peress li minħabba fil-pandemija tal-Covid-19 ebda infermiera ma setgħu jiġu trasferiti mill-isptarijiet f'Malta pero' appena tgħaddi l-pandemija tal-covid dawn l-infermiera barranin kellhom jiġu tarsferiti fl-isptar Karen Grech*

*sabiex l-vakanzi li nħolqu f'Malta fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex jimtlew mill-infermiera Għawdxin kif dejjem sar."*

Minn dan il-bran jemerġi li kwalunkwe ftehim li seta' kien hemm, kien wieħed tripartitu. Mhux biss bejn il-partijiet għal dawn il-proċeduri iżda ukoll mal-Ministeru tas-Saħħa li ma hux parti għal dawn il-proċeduri. Irrisulta b'mod ċar li sabiex l-infermiera Għawdxin jiġu trasferiti għal Għawdex ried bil-fors ikun hemm l-awtorizazzjoni tal-Ministeru tas-Saħħa. Di fatti fl-ittra elettronika tal-14 ta' Ġunju 2020 mibgħuta lill-avukat Chris Cilia b'kopja lil Paul Pace jirraporta li s-Soċjeta' rikorrenti "*They have accepted in writing that the temporary measure meant until hospitals in Malta would authorise the transfers of nurses in Malta which according to the Director Services at MDH is tomorrow Monday 15$^{th}$ June 2020."*

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax li l-avviż ta' azzjoni industrijali ingħata tlett (3) ijiem qabel ma meta, dejjem skont dik l-ittra, suppost kellhom jiġu rilaxxjati l-infermiera Għawdxin minn Malta mid-Director of Nursing. Iżda f'dawn il-proċeduri Maureen Mahoney, prodotta bħala xhud mill-Union intimata, fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2020 ikkonfermat li amministrattivament setgħet tordna r-rilaxx fil-jum ta' qabel li kienet qegħdha tixhed, jiġifieri fil-25 ta' Ġunju 2020, ben ġimgħatejn wara d-data tal-avviż ta' azzjoni industrijali. Jidher għalhekk, li s-Soċjeta` rikorrenti l-anqas kieku riedet ma setgħet tilqa' it-talba tal-Union intimata għaliex kollox kien jiddependi mill-awtorizazzjoni tal-Ministeru tas-Saħħa. Di fatti fl-ittra elettronika tat-12 ta' Ġunju 2020, Nadine Delicata għas-Soċjeta` rikorrenti mibgħuta lil Colin

Galea uffiċjal tal-Union intimata qaltlu hekk: *"At no point in time have we been given a firm indication of when Gozitan nurses would be released to GGH, neither the number of such nurses."* Din l-ittra nbagħtet dak in-nhar stess li ngħata l-avviż ta' azzjoni industrijali.

Minn dan kollu il-Qorti tislet żewġ osservazzjonijiet:

Li s-Soċjeta' rikorrenti ma setgħetx tagħmel dak li qed jintalab għaliex it-trasferiment tal-infermiera Għawdxin ma kienx jiddependi minnha

u

Li huwa d-dipartiment tas-Saħħa li setgħa jiddeċiedi dwar din il-kwistjoni għaliex l-infermiera Għawdxin huma impjegati tiegħu. Ma hux il-kompitu ta' din il-Qorti li tindaga x'tip ta' ftehim jesisti bejn il-Ministeru u s-Soċjeta' rikorrenti. Li hu żgur hu, li ċ-ċaqliq tal-infermiera jiddependi esklussivament mill-Ministeru tas-Saħħa u dan seta' jsir fil-25 ta' Ġunju 2020. (ara xhieda ta' Maureen Mahoney a` fol 64 tergo).

Fl-aħħar nett il-Qorti ma tistax ma tosservax, li kemm Nadine Delicata uffiċjal tas-Soċjeta' rikorrenti u kif ukoll Joseph Fenech, Executive Officer tal-Isptar t'Għawdex, xehdu bl-aktar mod ċar, li huma ma għandhom ebda problema li jassumu lill-infermiera Għawdxin u jitrasferixxu lill-ħaddiema barranin għal Malta. Dan jirrisulta ukoll mill-ittra elettronika ta' Charmaine Portelli tas-6 ta' April 2020 lil Maureen Mahoney ikkuppjata lil Nadine Delicata u Joseph Fenech.

F'dan l-istadju il-Qorti tfakkar il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li jippretendi li għandu persuna. Fit-tieni lok, irid jipprova li prima facie għandu dawn il-jeddijiet. Il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta', disaġju jew tħassib [ara **digriet – Qorti tal-Kummerċ – 26 ta` Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et" (Kolleż. Vol: LXXIX.iv.1387)**].

Wara li l-Qorti qieset il-fatti kollha li emerġew, hija tal-konvinċiment li s-Soċjeta` rikorrenti rnexxielha tipprova li għandha *prima facie* dritt tittutela jedd li tippretendi li għandha.

Għaldaqstant il-Qorti, għar-raġunijiet fuq imsemmija, filwaqt li qed tikkonferma l-ordni provviżorja tagħha tal-14 ta' Ġunju 2020, qegħda tilqa' definittivament it-talbiet kollha tas-Soċjeta` Rikorrenti u tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni opportun kontra l-Union intimata.

Bl-ispejjes kontra l-Union intimata.

**Mogħti kameralment illum 6 ta' Lulju, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**